MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1405/2003

**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Keneth Grech f'ismu propju kif ukoll ezercitanti l-kummrc taht l-isem Santa Lucia Stationery**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Lulju 2003 fejn is-socjeta attrici titlob lil konvenut jigi kkundannat ihallasha is-somma ta' erbgha mija u erbgha u hamsin lira Maltin u seba' u sebghin centezmu (Lm454.77) bilanc parti minn somma akbar rapprezentanti prezz ghall-bejgh ta' diversi oggetti mibjughin u kkonsenjati lil konvenut mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-konvenut stess.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra bonarja datata 12 ta' Marzu, 2002, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut itwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u erbgha u hamsin lira Maltin u seba' u sebghin centezmu (Lm454.77), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------